MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2014

Numru 76/2014

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

16 TA' LULJU 2014

Il-Pulizija

(Spettur Kevin Farrugia)

vs

Simon Falzon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 22369(m) akkuzat talli fit-31 ta' Marzu 2011 ghal habta tas-6.00pm gewwa ta' Qali limiti H'Attard:

i. ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antonio Failla li ghandu numru tal-identita' 776652(m) hekk kif iccertifika Dr.Ray Borg M.D (1716) tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta u Dr Alison Micallef M.D (3005) tal-Isptar Mater Dei,
ii. fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi ksirt il-kwiet u l-bwon ordni pubblika b'ghajjat u glied;
iii. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abuzziv bi ksur tal-S.L 10.33;
iv. sar recidiv;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skond il-ligi, tordna lill-imsemmi imputat ma jattendix fi "grounds ta' sport" ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Qorti jidrilha xieraq;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat l-atti lil dina l-Qorti li ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati tiggudika lill-imputat dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat ta' ferita gravi aggravata fil-parametri tal-Artikolu 214, 216(1)(a),(b)(d),218(1), talli kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied ai termini tal-Artikolu 338(dd), u bi ksur tal-Artikolu 53 li jittratta l-effetti tar-recidiva fil-kontravenzjonijiet;

Il-parti leza stqarr fix-xhieda tieghu li dak in-nhar kien mar jara l-loghbha football fl-Istadium tac-Centinarju gewwa ta' Qali bejn Naxxar Lions u St Patrick's li fiha kien qieghed jilghab ibnu. Spiega li kif spiccat il-loghbha mar biex jara jekk ibnu kellux bzonn li jwasslu sal-isptar billi kien wegga waqt il-loghbha. Testwalment kompla jghid:"kien hemm wiehed iehor ghadda kelma lejja [u] jiena ghaddejt kelma lejh u mbghad rajt lill-Simon (b'referenza ghall-imputat) [li] qalli 'issa nqeghdek lilek' u gie ghalija u xejjirli daqqa ta' ponn". Stqarr li lill-imputat ma kienx jafu qabel u dwar il-ferita qal li sofrieha taht ghajnu tal-lemin u kellu daqqa fuq il-gemb ta' sidru u ohra fl-irkoppa, wkoll tal-lemin. Fuq kemm dam biex ifieq qal li ghamel jumejn id-dar u circa tlett gimghat ma jmurx ghax-xoghol. Fil-kors tax-xhieda tieghu ikkonferma li kien l-imputat li tah id-daqqa ta' ponn u wegghew izda irrisponda fin-negattiv meta mistoqsi jafx jekk l-imputat tah xi wahda fuq il-gemb.

Almenu zewg certifikati medici (folio 24 u 27 – ta' l-ahhar jirriproduci risultati tal-X-Ray) jirraportaw ksur fil-parti tax-xedaq tal-parti leza u feriti konsistenti f'ugiegh fil-kustilji tal-lemin u l-irkoppa tal-lemin.

Xehdu l-Pulizija dettaljati xoghol dak in-nhar. WPs224 tghid f'parti mix-xhieda taghha li lill-imputat ratu mal-art flimkien ma' persuna ohra imqabdin ma' xulxin u mdawrin b'hafna nies u f'parti ohra minnha li mhux iz-zewg persuni rat mal-art izda l-imputat u partitarji ohrajn jigbduh lura. Mal-persuna l-ohra rathom jitlewmu bejnithom. Tghid li rat lil xi hadd jaghati daqqa izda min kien,jekk l-imputat jew xi hadd iehor, ma tafx. Pc867 jghid li meta spiccat il-loghba qam argument gewwa u hu flimkien ma' pulizija ohra hargu l-kullhadd barra, nghalaq il-kancell "u qabdu jghatu barra". Pc238 li hareg mill-istadium kif hargu l-partitarji, ra corma nies u ragel mal-art. Lill-imputat osservah jghajjat u jargumenta. Stqarr li l-persuna mal-art kien xi hames metri l-boghod minnhu qed jigi assistit minn xi ghaxar partitarji. Fl-ebda hin pero' ma' ra lill-imputat jagredixxi lil dan it-terz mal-art. Osserva lill-imputat jindirizza xi kliem f'vuci gholja lejn dan it-terz u ufficjali tal-loghba u jdenndel mal-grada jipprova jidhol gewwa.  Pc1540 fil-hin li nqalet il-kommozzjoni kellem lill-imputat li qallu li fil-ground kien hemm it-tifel tieghu u qallu li l-parti leza kien qallu xi haga u hu (l-imputat) hassu offiz biha. Il-kuntistabbli stqarr li da parti tieghu ma ra l-ebda daqqa tinghata

Dan in succinct hi x-xhieda rilevanti. Din abbinata max-xhieda tal-imputat li sostanzjalment taqbel mal-istqarrija tieghu rilaxxjata 'tempo vergine' lill-Pulizija tnissel konvinciment f'din il-Qorti li l-imputat ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-ferita li sofriet il-parti leza senjatament tal-ferita konsistenti fi ksur f'wiccu. Il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat mhux kemm imbotta lill-parti leza kif sostna kemm fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu.

Ghandu wkoll l-imputat jinsab hati ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali taht id-dispost tal-Artikolu 53 tal-Kap 9 skond is-sentenza esebita in atti, stante li huwa wkoll hati tat-tieni imputazzjoni li hi kontravenzjonali

Dwar l-offiza fuq il-persuna l-provi jaslu biex jippruvaw l-offiza bhala gravi fil-parametri tal-Artikolu 216(2) tal-Kap 9.

Ghalhekk qeghdha ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza fit-termini ta' din is-sentenza u wkoll tat-tieni akkuza. Mhux wkoll tat-tielet, li ma gietx riproposta fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u l-anqas tar-raba li mhiex sorretta mill-provi. Rat l-Artikolu 216(2), 53 u 17 tal-Kap 9. Tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b'dan li tilliberah ghal zmien sena mill-lum fuq l-ewwel akkuza u tikkundannah tlett mitt euro multa fuq it-tieni.

A.M.Trigona

Magistrat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------